# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 13 ta' Marzu 2024**

**Kawża Numru: 3**
**Rikors Guramentat Numru:- 124/2016JVC**

**Carmel Ciantar (ID 1081447M) bhala mandatarju ta' huh assenti Lawrence Ciantar, passaport numru 5385375 u permezz ta' digriet datat 8 ta' Frar 2022, l-atti gew trasfuzi f'isem Vinco Limited (C14479)**

**vs**

**Thomas Zahra (ID 559344M), Maria Carmela Bonello mart Emanuel (ID 237941M), Dominic Zahra (ID 850945M), Emmanuela mart Thomas Portelli (ID 34947M), Carmelo sive Charles Zahra (ID 728848M) u Francesca mart Joseph Portelli (ID**

**138454M) u b'digriet tad-29 ta' Mejju, 2018 giet kjamata fil-kawza Vinco Limited (C14479) u permezz ta' nota ta' cessjoni datata 17 ta' Frar, 2022 Vinco Ltd cediet l-atti fil-vesti taghha ta' kjamata fil-kawza.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Carmel Ciantar nomine li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti huma sidien ta' porzjoni art fil-Bahrija limiti tar-Rabat accessibli minn Sqaq tal-Marga li giet akkwistata minnhom permezz ta' kuntratt oneruz fl-atti tan-Nutar Dr Sammy sive Salvatore Abela tat-tlieta ta' Dicembru elf disa' mija u tnejn u sebghin (03/12/1972) fejn hemm ukoll il-pjanta annessa mal-istess att (Dok B u C).

2. Illi l-esponenti inkarigaw surveyor (CM Surveying Ltd) biex il-pjanta annessa mal-imsemmi kuntratt jigi debitament interpretat liema survey huwa hawn annessa bhala Dokument A.

3. Illi ma jirrizultax li l-konfini bejn il-proprjetajiet tal-partijiet qatt gew attwalment stabbiliti u mmarkati fuq il-post.

4. Illi l-intimati jsostnu li huma s-sidien u ghandhom f'idejhom il-pussess ta' art attigwa sentjament il-parti indikata bl-ittri "W-X-Y-Z" izda jidher li huma anke marru oltre tali linja u qed isostnu li l-linja divizorja ghandha tkun "W-X1-Y1-Z".

5. Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. tiffissa l-linja divizorja u hekk tistabilixxi l-konfini bejn il-proprjeta' tal-attur u dik tal-konvenuti;

ii. tiddelinja l-proprjeta' tal-atturi minn dik tal-konvenuti b'hajt jew sinjali appositi u dan taht id-direzzjoni ta' Perit li jigi nominat minn din il-Qorti.

iii. tordna l-izgumbrament tal-konvenuti minn kwalsijasi porzjoni proprjeta' li giet okkupata minnhu li tkun lil hinn mil-linja divizorja "W-X-Y-Z" jew kull linja li tigi hekk stabbilita fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhu prefiss u fin-nuqqas, tawtorizza lill-istess attur biex tnehhi kwalunkwe zgombru jew binja li hemm fil-proprjeta' tar-rikorrenti lil hinn mil-linja "W-X-Y-Z" fuq imsemmija jew kull linja verjuri li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali tat-30 ta' Ottubru 2015 u tat-12 ta' Jannar 2016 kontra l-konvenuti u b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ulterjuri lilhu spettanti skond il-ligi liema konvenuti u b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ulterjuri lilhu spettanti skond il-ligi liema konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Thomas Zahra et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-Intimati jecepixxi l-preskrizzjoni akwisittiva a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Intimati m'humiex qeghdin jokkupaw proprjeta' tar-rikorrenti u dan hekk kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi, m'hemmx lok illi jigu milqugha t-talbiet attrici u dana stante li l-kontendenti jafu dak li hu proprjeta' taghhom;

8. Salv eccezzjonijiet ohra hekk kif premessi mill-ligi.'.

Rat l-affidavits, xhieda, surveys, kuntratti, dikjarazzjonijiet *causa mortis*, prokuri, testment, ittri ufficjali, rapport *ex-parte*, pjanti, kopja ta' messaggi, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-21 ta' April, 2016 (fol. 39) Dr Peter Borg Costanzi ghar-rikorrenti rrileva li l-kawza odjerna ghandha rekwiziti specifici u l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ma tistax tinghata f'dan il-kaz billi mhix azzjoni vindicatoria;

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Lulju, 2016 Dr Matthew Bondin ghall-konvenuti fir-rigward il-verbal imressaq mill-avukat difensur tar-rikorrenti fil-21 ta' April, 2016 irrileva li huwa ma jaqbilx li l-azzjoni mressqa mill-atturi mhix wahda vindicatoria u dan hekk kif jirrizulta fost l-ohrajn mir-raba' premessa tar-rikors guramentat fejn l-atturi stess isostnu li l-intimati jidher li marru oltre l-linja divizorja. Sostna li f'kull kaz skont l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili l-azzjonijiet kollha reali, personali jew misti jaqghu bi preskrizzjoni gheluq 30 sena, u ebda opposizzjoni ghall-

preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba nuqqas ta' titolu jew bona fidi;

Rat illi fil-verbal tas-26 ta' Jannar, 2017 din il-Qorti diversament preseduta, billi rat li l-kwistjoni hija ta' natura teknika, fuq talba tad-difensuri tal-partijiet innominat lill-Perit Tekniku Godwin P. Abela bl-ispejjez jinqasmu bejn il-partijiet nofs bin-nofs;

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela intavolat nhar it-8 ta' Mejju, 2017 (fol. 80) fejn permezz tieghu talab in-nomina ta' Alan Micallef bhala surveyor sabiex jaghmel survey taht l-istruzzjonijiet tieghu, u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 9 ta' Mejju, 2017 fejn innominat bhala surveyor lil Alan Micallef;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela ipprezentat fl-atti nhar is-16 ta' Novembru, 2017 u mahluf nhar l-14 ta' Frar, 2018 a fol. 94 et seq tal-process;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar is-27 ta' Marzu, 2018 fejn permezz tieghu talbu lill-Qorti joghgobha tordna l-kjamati in kawza ta' Vinco Limited (C14479), rat ir-risposta tal-intimati fejn irrimettew ruhhom u rat id-digriet tal-Qorti moghti fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2018 fejn fic-cirkostanzi qieset it-talba gjustifikata u ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Vinco Limited (C14479);

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' kjamata fil-kawza Vinco Limited (C14479) li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti jaqbel illi ghandu issir ezercizzju fejn jigu dilenjati u maghrufa l-artijiet ta' kull parti fil-kawza, b'dan ghandhom jittiehu in kunsiderazzjoni il-kuntratti ta' l-

akkwist tal-partijiet u l-provenjenza appozita li permezz taghha wiehed jista facilment jikkonstata x'kien gie akkwistat minn kull parti u/jew l-ante-kawza tieghu.

2. Illi l-esponenti kien qabbad lill-Perit Daryl Cutajar li rrediga ir-rapport li kopja tieghu qedgha tigi hawn annessa u mmarkata Dok A, f'liema rapport il-Perit kien ikkunsidra il-qisien kollha stipulati fil-kuntratti ta' akkwist tat-tliett partijiet, u ghamel is-surveys appoziti, biex b'hekk huwa kkonstata f'hiex tikkonsisti il-proprjeta ta' kull wiehed mill-partijiet f'dik il-kawza.

3. Illi l-qasma tal-proprjeta ghandha issir ai termini tal-pjanta Dok A1 annessa mar-rapport tal-Perit Daryl Cutajar, liema pjanta turi b'mod car u inekwoviku il-kejl ta' l-art li kienet giet akkwistata minn kull parti u ghalhekk turi dak li kull parti jippossjedi.

4. Illi ghalhekk meta jigi ddeterminat kif ghandha tinqasam l-art, dan ghandu issir skond il-pjanta A1, liema pjanta turi l-kejl ta' 979.45mk proprjeta ta' l-esponenti, 987.04mk proprjeta tar-rikorrenti Ciantar u 189.81mk proprjeta ta' l-intimati Zahra, u ghalhekk tali qasma tirifletti il-kejl indikat fil-kuntratti ta' akkwist ta' kull porzjon.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri'.

Rat illi fil-verbal tas-16 ta' Ottubru, 2018 id-difensuri tal-partijiet qablu li in vista tar-rapport addizzjonali pprezentat mill-kjamat fil-kawza, redatt mill-Perit Daryl Cutajar a fol. 239 et seq tal-process, il-Perit Godwin Abela ghandu jigi nkarigat biex jaghmel

rapport addizzjonali tenut kont dak muri fir-rapport tal-Perit Cutajar kif ukoll il-kejliet imnizzlin fil-kuntratti esebiti mill-kjamat fil-kawza u rat li l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil istess Perit Tekniku Godwin P. Abela a spejjez provvizorjament tal-kjamat in kawza biex jaghmel ir-rapport imsemmi;

Rat ir-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela pprezentat fl-atti nhar it-18 ta' Mejju, 2020 u mahluf nhar id-29 ta' Settembru, 2020 a fol. 375 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Ottubru, 2020 il-Qorti giet infurmata minn Dr David Bonello li gie kkuntatjat minn Lawrence Ciantar fejn infurmah illi xtaq jirrevoka l-prokura moghtija lill-rikorrent odjern Carmel Ciantar u cioe' r-rikorrenti fil-mandat;

Rat id-domandi in eskussjoni tas-socjeta' Vinco Limited (C14479) ipprezentati nhar l-10 ta' Dicembru, 2020 u rat ir-risposti tal-Perit Tekniku Abela ghad-domandi in eskussjoni maghmulin minn Vinco Limited a fol. 503 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tal-21 ta' Jannar, 2021 Dr. David Bonello ipprezenta prokura favur tieghu intiza sabiex huwa jirraprezenta lir-rikorrent Lawrence Ciantar fil-proceduri odjerni. Rat illi Dr. Maria Azzopardi fl-istess verbal in vista ta' dan talbet li tirregola ruhha stante li sa dak il-hin kienet hi li kienet qed tirraprezenta lil Lawrence Ciantar li kien ta prokura lil huh Carmel Ciantar. Rat il-prokura imsemmija esebita a fol. 501 tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' April, 2021 (fol. 507) xehed in eskussjoni l-Perit Godwin P. Abela u f'dak l-istadju l-Perit talab li jigi mghoddi lilu s-survey tal-Perit Daryl Cutajar esebit a fol. 389 u 390 tal-process sabiex ikun jista' jikkalkula l-area tal-proprjetajiet

kollha u cioe' tal-atturi, tal-konvenuti u tal-kjamat in kawza u rat li l-Qorti estendiet l-inkarigu tal-Perit limitatament ghal dak li ntalab minnu;

Rat ir-rikors tas-socjeta' Vinco Limited intavolat nhar il-5 ta' Lulju, 2021 fejn permezz tieghu nfurmat lil Qorti li permezz ta' kuntratt tas-6 ta' Mejju, 2021 fl-atti tan-Nutar Robert Micallef akwistat l-art proprjeta' tar-rikorrenti li hija mertu ta' din il-kawza u talbet ghaldaqstant li tordna li l-atti ta' din il-kawza jigu trasfuzi f'isem s-socjeta' Vinco Limited, rat ir-risposta ta' Lawrence Ciantar ipprezentata nhar l-1 ta' Frar, 2022, u rat id-digriet taghha datat 8 ta' Frar, 2022 fejn laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzjoni kif mitluba;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Frar, 2022 Dr Daniel Buttigieg in vista tad-digriet ta' din il-Qorti datat 8 ta' Frar, 2022 fejn giet awtorizzata t-trasfuzzjoni minn fuq ir-rikorrent Carmel Ciantar noe ghal fuq is-socjeta' kjamata fil-kawza Vinco Limited, f'dak l-istadju pprezenta nota ta' cessjoni limitatament fil-konfront tal-istess Vinco Limited fil-vesti taghha ta' kjamata fil-kawza u rat in-nota ta' cessjoni pprezentata fis-17 ta' Frar, 2022 a fol. 565 tal-process;

Rat illi fil-verbal datat  30 ta' Marzu, 2023 il-kawza giet differita ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti Carmel Ciantar fil-vesti tieghu ta' prokuratur ta' huh Lawrence Ciantar jippremetti li huwa l-proprjetarju ta' porzjon art fil-Bahrija limiti tar-Rabat, Malta accessibli minn Sqaq tal-Marga liema art huwa akwista b'kuntratt oneruz tat-3 ta' Dicembru, 1972 fl-atti tan-Nutar Sammy sive Salvatore Abela (a fol. 5 et seq tal-process). Ir-rikorrenti jsostni li ma jirrizultax li l-konfini bejn il-proprjetajiet tal-partijiet qatt gew attwalment stabbiliti u mmarkati fuq il-post u l-intimati qed jippretendu li huma s-sidien u ghandhom f'idejhom il-pussess ta' art attigwa ndikata bl-ittri 'W-X-Y-Z' u li tmur oltre l-linja divizorja taghhom u fejn isostnu li l-linja divizorja ghandha tkun 'W-X1-Y1-Z'. Ir-rikorrenti ghalhekk f'isem huh Lawrence Ciantar ipproceda bil-kawza odjerna fejn qieghed jitlob lill-Qorti tiffissa l-linja divizorja u hekk tistabbilixxi l-konfini bejn il-proprjeta' tieghu u dik tal-intimati. Talab ukoll sabiex tigi delinjata l-proprjeta' tieghu minn dik tal-intimati b'hajt jew sinjali appositi u dan taht id-direzzjoni ta' Perit li jigi nominat minn din il-Qorti. Finalment talab ukoll sabiex il-Qorti tordna l-izgumbrament tal-intimati minn kwalsiasi porzjoni proprjeta' li giet okkupata minnhom u li tkun lil hinn mil-linja divizorja 'W-X-Y-Z' jew kull linja li tigi stabbilita' u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss u fin-nuqqas tawtorizzah inehhi kwalunque zgombru jew binja li hemm fil-proprjeta' tar-rikorrenti lil hinn mil-linja 'W-X-Y-Z' u kull linja verjuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti.

Illi l-intimati laqghu ghal din il-kawza billi preliminarjament eccepew il-preskrizzjoni akwizittiva a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Eccepew ukoll minghajr pregudizzju illi m'humiex qeghdin jokkupaw proprjeta' tar-rikorrenti u dan hekk kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. Finalment

eccepew illi m'hemmx lok li jigu milqugha t-talbiet attrici u dan stante li l-kontendenti jafu dak li hu proprjeta' taghhom.

Illi fil-mori tal-kawza precizament nhar is-27 ta' Marzu, 2018 gie ntavolat rikors mir-rikorrenti Carmel Ciantar noe fejn indika li mir-rapport tal-Perit Tekniku Abela l-linja tal-konfini tidher li tinkludi proprjeta' ta' terzi li tinsab adjacenti ghall-proprjeta' taghhom u ghalhekk talab li tigi kjamata fil-kawza din it-terza persuna ossia s-socjeta' Vinco Limited (C14479) stante li tista' tigi affetwata b'ordni rigwardanti l-konfini. Fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2018 il-Qorti diversament preseduta tat digriet fejn fic-cirkostanzi laqghet it-talba u ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Vinco Limited (C14479).

Illi s-socjeta' kjamata in kawza Vinco Limited (C14479) intavolat ir-risposta guramentata taghha nhar is-27 ta' Gunju, 2018 u eccepiet illi hija taqbel li ghandu jsir ezercizzju fejn jigu delinjati u maghrufa l-konfini tal-artijiet ta' kull parti fil-kawza b'dan li ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni l-kuntratti ta' l-akkwist tal-partijiet u l-provenjenza appozita li permezz taghhom wiehed jista' jikkonstata x'kien gie akwistat minn kull parti u/jew l-antekawza tieghu. Is-socjeta' kjamata in kawza eccepiet ukoll illi hija kienet qabdet lill-Perit Daryl Cutajar li rrediga rapport li kopja tieghu giet ipprezentata fejn kien ikkunsidra l-qisien kollha stipulati fil-kuntratti t'akkwist tat-tlett partijiet u ghamel is-surveys appoziti biex b'hekk huwa kkonstata f'hiex tikkonsisti l-proprjeta' ta' kull wiehed mill-partijiet. Issostni li l-qasma ghandha ssir ai termini tal-pjanta Dok A1 annessa mar-rapport tal-Perit Daryl Cutajar liema pjanta turi b'mod car u inekwivoku l-kejl ta' l-art li kienet giet akwistata minn kull parti. Eccepixxa wkoll li ghalhekk meta jigi determinat kif ghandha tinqasam l-art, dan ghandu jsir skont il-pjanta A1, liema pjanta turi l-kejl ta' 979.45m.k.

proprjeta′ taghha, 987.04m.k. proprjeta′ tar-rikorrenti Ciantar u 189.81 proprjeta′ tal-intimati Zahra u ghalhekk tali qasma tirrifletti l-kejl indikat fil-kuntratti ta′ l-akkwist ta′ kull porzjon.

Illi l-Qorti tinnota li fil-mori tal-kawza s-socjeta′ Vinco Limited (C14479) permezz ta′ kuntratt tas-6 ta′ Mejju, 2021, fl-atti tan-Nutar Robert Micallef (a fol. 549 et seq tal-process), akwistat l-art proprjeta′ tar-rikorrenti Lawrence Ciantar u assumiet l-atti minfloku permezz ta′ digriet tal-Qorti tat-8 ta′ Frar, 2022 (a fol. 556 tal-process). Sussegwentement l-istess socjeta′ Vinco Limited cediet l-atti fil-konfront taghha stess in kwantu kjamata in kawza (a fol. 565 tal-process).

Illi f′dan l-istadju l-Qorti tqis li huwa opportun li fl-ewwel lok ghandu jigi determinat jekk din il-kawza hijiex wahda *actio finium regundorum* jew inkella wahda *rei vindicatoria* kif isostnu l-intimati Zahra fin-nota ta′ sottomissjonijiet taghhom. La darba jigi determinat x′inhi l-kawza, awtomatikament jigi determinat jekk ghandux isir ezami tal-eccezzjoni preliminari tal-intimati Zahra relatata mal-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali. Dan ghaliex, jekk l-azzjoni hija wahda ta′ determinazzjoni tad-demarkazzjoni bejn il-fondi tal-partijiet (*actio finium regundorum*), l-eccezzjoni preliminari tal-intimati ta′ preskrizzjoni hija improponibbli billi minn natura taghha l-azzjoni finium regundorum hija wahda impreskrivibbli.

Illi l-intimati ahwa Zahra fin-nota ta′ sottomissjonijiet taghhom isostnu li minn qari tar-rikors mahluf wiehed jintebah li l-azzjoni fil-verita′ hija wahda rivendikatorja, izda kamuffata sabiex tidher bhala azzjoni ghar-regolamentazzjoni tal-konfini. Isostnu li filfatt bl-ewwel zewg talbiet ir-rikorrenti jrid li l-Qorti tiffissa hi l-konfini bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti u tordna li jitqieghdu sinjali

jew posti sabiex dawn il-konfini jkunu murija b'mod permanenti. Isostnu li pero' l-vera natura tal-azzjoni attrici hija zvelata bit-tielet talba li biha jintalab l-izgumbrament tal-intimati, inkluz kull bini li huma ghamlu. L-intimati jsostnu li din hija l-ahhar talba finali li tesponi allura l-utilita' finali li r-rikorrenti ried jikseb b'dawn il-proceduri.

Illi minn harsa lejn il-process fl-assjem tieghu, u lejn it-talbiet, m'hemmx dubju li r-rikorrenti qieghed jitlob id-demarkazzjoni tal-konfini tal-proprjetajiet ta' bejn il-partijiet. Infatti dan il-fatt huwa wkoll ikkonfermat mill-intimati ahwa Zahra nfushom, li pero' jsostnu li dan huwa kamoffament sabiex tidher li hija azzjoni ta' regolamentazzjoni tal-konfini, meta' fir-realta' kif jirrizulta mit-tielet talba, hija azzjoni vindicatoria.

Illi l-Qorti ittendi li ma taqbilx ma' dak sottomess mill-intimati u dan ghaliex jirrizulta li l-kontenut tat-tielet talba huwa proponibbli in kwantu hi l-konsegwenza ta' l-istanza tar-regolamentazzjoni tal-konfini. Hekk difatti gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Victor Mangion et -vs Raphael Aquilina et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-9 ta' Marzu, 2005 fejn inghad illi:

> 'Tajjeb li jigi precizat illi tali azzjoni ma titlefx in-natura rikonjittiva taghha lanqas fil-kaz li l-eliminazzjoni ta' l-incertezza ggib maghha l-obbligu tar-rilaxx ta' dik il-porzjoni indebitament posseduta. Ghalhekk talba f'dan is-sens, kif hekk del resto inhu l-kaz hawnhekk mill-kontenut tat-tielet talba, hi proponibbli in kwantu hi l-konsegwenza ta' l-istanza tar-regolamentazzjoni tal-konfini;'.

Illi hekk ukoll gie ritenut fil-kawza **Markiza Beatrice Cremona Barbaro -vs- John Polidano** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-3 ta' Frar, 2005 fejn inghad illi:

> '....illi huwa siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li f'azzjoni bhal din "*i rispettivi titoli di proprieta` delle parti non sono contestati; cio che e` incerto e l'azione tende ad accertare e` l'estensione delle proprieta` contigue, e quindi, il confine. Non ha importanza se la zona intermedia sia posseduta da uno solo o promiscuamente de entrambi i proprietari confinanti.* ***Questa azione ha la natura di una rivindica parziale*** *(vindicatio duplex incertae partis) e presenta alcune particolarita`; ciascuna delle parti e`; al tempo stesso, attore e convenuto, ogni mezzo di prova e` ammesso; in mancanza di altri elementi, il giudice si attiene al confine delineato dale mappe catastali*[1].'.

Illi l-Qorti rat ukoll illi fil-mori tal-kawza, kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimati qablu li gie nominat il-Perit Godwin P. Abela sabiex wara li jaghmel l-accertamenti kollha necessarji anke billi jezamina l-kuntratti, jistabbilixxi fejn ghandhom ikunu l-konfini ta' bejn il-partijiet. Mhux biss, izda fil-mori giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Vinco Limited billi rrizulta kellha nteress bhala proprjetarja ta' porzjon art adjacenti. Il-Qorti tenut kont ta' dak kollu suespost, inkluz tal-provi kollha pprezentati fl-atti, tqis li jirrizulta li l-kawza odjerna tikwalifika bhala kawza ghar-regolamentazzjoni tal-konfini cioe' *actio finium regundorum* w'ghalhekk hija mproponibbli l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akwisittiva mqajjma mill-intimat Zahra b'dan li ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**<u>Determinazzjoni tal-konfini tal-proprjetajiet:</u>**

[1] Torrente <u>Manuale di Diritto Privato</u> (9a Ediz.), par 179, pag. 315

Illi in vista ta' dak suespost, jifdal allura li ghandhom jigu determinati l-konfini tal-proprjetajiet ndikati fir-rikors guramentat. Minn tali determinazzjoni tal-konfini jirrizulta jekk hux minnu jew le li l-intimati Zahra qed jokkupaw xi parti mill-proprjeta' tar-rikorrenti.

Il-Qorti rat li l-partijiet fl-atti pprezentaw numru ta' kuntratti li permezz taghhom jippruvaw it-titolu taghhom. Il-Qorti f'dan l-istadju tqis li huwa opportun li tezamina dawn il-kuntratti in vista tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-konfini:

1. Kuntratt ta' permuta datat 2 ta' Novembru, 1924 (a fol. 160 et seq tal-process) fejn permezz tieghu Giuseppe Micallef missier Grazia Buhagiar u Rosa Ciantar akwista l-immobbli mertu tal-kawza;

2. Kuntratt ta' permuta, bejgh u divizjoni datat 6 ta' Ottubru, 1934 fl-atti tan-Nutar Francesco Catania (a fol. 164 et seq tal-process) fejn permezz tieghu Giuseppe Micallef missier Grazia Buhagiar u Rosa Ciantar akwista l-immobbli mertu tal-kawza;

3. Kuntratt ta' donazzjoni datat 8 ta' Dicembru, 1951 fl-atti tan-Nutar Joseph Felix Abela (a fol. 143 et seq tal-process) fejn permezz tieghu Giuseppi Micallef kien ghadda b'titolu ta' donazzjoni lil bintu Grazia mart Salvatore Buhagiar is-segwenti mmobbli:

> '...in-nofs indiviz ta zewg porzjonijiet divizi mir-raba msejjah "Tax-Xatba" l-Bahrija limiti tar-Rabat ta' Malta, tal-kejl wahda minn dawn il-porzjonijiet ta' erbgha sighan u hames kejliet (T.0.S4.K5) u tmiss mit-tramuntana ma raba ta'

Tommaso Portelli, minn nofsinhar ma raba tal-istess Giuseppi Micallef, mil-lvant ma trejqa bil-karettun u mil-punent ma raba ta' Angelo Micallef, fiha spira li l-ilma taghha jibqa komuni ma porzjoni ohra mil-istess raba "Tax-Xatba" appartenenti lil Giuseppi Micallef u posta in-naha ta' nofsihar ta' din il-porzjoni hawn trasferita, dgawdi d-dritt ta' passagg bir-rigel, bil-bima u bil-karettun minn fuq dan l-istess raba ta' Giuseppi Micallef jiehu dan il-passagg mill-imsemmija spira sat-Trieq imsejha "Tal-Marga", dgawdija wkoll din il-porzjoni diviza d-dritt ghall kwarta parti mill-ilma ta' spira ohra li tinsab fir-raba ta Tomaso Portelli fit-tramuntana ta' din il-porzjoni. Il-porzjoni l-ohra tal-kejl ta' zewg sighan u sebgha kejliet tmiss mit-tramuntana ma raba ta' Pietro Vassallo, minn nofsinhar ma raba ta Angelo Micallef, mil-Lvant ma raba tal-istess Giuseppi Micallef u mil-punent ma raba ta' Vincenza Mifsud u li tidhol ghaliha din l-porzjoni minn trejqa tal-karettun komuni ma ohrajn. Dawn iz-zewg porzjonijiet raba huma flimkien soggetti ghall-sesta parti – tan nofs (1/6 ta' ½) ta' nofs tomna T ½) qamh u xgheri mahlut ghall decimi decanali.'.

4. Kuntratt ta' permuta u divizjoni datat 24 ta' Lulju, 1958 fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela (a fol. 11 et seq tal-process) fejn dehret min-naha l-wahda Grazia Buhagiar mart Salvatore u min-naha l-ohra Rosa Ciantar mart Paolo Ciantar ahwa Micallef ulied il-mejtin Giuseppe u Tereza xebba Giordmania fejn Rosa Ciantar assenjat u ttrasferiet b'titolu ta' permuta lil ohta Grazia Buhagiar nofs indiviz ta' zewg porzjonijiet divizi mir-raba' imsejjah 'Tax-Xatba' il-Bahrija limiti tar-Rabat, Malta ta' kejl (i) wahda minn dawn il-porzjonijiet ta' erba' sighan u hames kejliet (4S 5K) fiha spiera tal-ilma li tibqa komuni mal-porzjoni ohra mill-istess raba' 'Tax-Xatba' li sa issir proprieta' tal-komparenti Rosa Ciantar u

qeda in-naha ta' nofsinhar ta' din l-art trasferita u li tgawdi d-dritt ta' passagg fuq il-passagg li ser tigi assenjata lil Rosa Ciantar u (ii) l-porzjon l-ohra ta' kejl ta' zewg sighan u sebgha kejliet (2S 7K). Fl-istess kuntratt kien gie ddikjarat li r-rimanenti nofs indiviz (1/2) tal-imsemmija porzjonijiet art kien jappartjeni lill-imsemmija Grazia Buhagiar stante li hija kienet akwistatu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Felix Abela tat-8 ta' Dicembru, 1951 deskritt fil-paragrafu precedenti.

In kontro-kambju u bl-istess titolu ta' permuta Grazia Buhagiar assenjat u ttrasferiet lil Rosa Ciantar b'titolu ta' permuta n-nofs indiviz jew kwalunque drittijiet ohra ta' porzjoni ohra mill-art 'Tax-Xatba' ta' kejl ta' hames sighan u zewg kejliet (5S 2K) liema porzjon art tidher mill-isketch annessa mmarkat bl-ittra 'A' u ndikata bl-ittra 'X' u ghandha tgawdi dritt mill-ispiera tal-ilma li tinsab fl-ewwel porzjon ta' art deskritta qabel filwaqt li suggetta fost affarijiet ohra ghal trejqa bir-rigel, bhima u karrettun. Fl-istess kuntratt Grazia Buhagiar accettat li n-nofs indiviz l-iehor mill-istess porzjoni ta' art hija tal-komparenti Rosa Ciantar bhala sehemha mill-wirt tal-genituri taghha.

Bl-istess kuntratt l-partijiet iddividew porzjoni art ohra maghrufa bhala 'Tal-Makakk' li tifforma parti mit-territorju tal-Bahrija, kontrada tal-Bahrija limiti tar-Rabat, Malta liema art kienet suggetta ghal cens temporanju.

Illi l-Qorti ser tirriproduci l-iskizz li gie anness ma' dan il-kuntatt. Jigi nutat li porzjonijiet gew indikati fuq isem ir-ragel tal-partijiet fuq il-kuntratt u cioe' Salvatore Buhagiar ghal martu Grazia Buhagiar u Paolo Ciantar ghal martu Rosa Ciantar.




5. Kuntratt ta' permuta u bejgh datat 3 ta' Dicembru, 1972 fl-atti tan-Nutar Dottor Sammy (Salvatore) Abela (a fol. 5 et seq tal-process) fejn min-naha l-wahda dehret Rosa mart Paolo Ciantar u min-naha l-ohra deher Carmelo Ciantar iben l-istess Rosa mart Paolo Ciantar fejn fl-ewwel parti Rosa Ciantar assenjat u ttrasferiet lil binha Carmelo Ciantar b'titolu ta' permuta porzjoni mil-bicca art imsejha 'tax-Xaghra tal-Malekk' fil-kontrada tal-bahrija limiti Rabat, Malta indikata fuq il-pjanta bl-ittra 'B1' li b'istess titolu ta' permuta Rosa Ciantar akwistat porzjoni ohra mill-ewwel bicca art fuq deskritta imsejjah 'Tal-Malekk' fl-istess kontrada u limiti indikata fl-imsemmija pjanta bl-ittra 'F'. Fl-istess att Rosa Ciantar bieghet u ittrasferiet lil binha Joseph Ciantar porzjoni mill-art imsejha 'Ta' Makakk' fil-kontrada tal-Bahrija limiti tar-Rabat, Malta faccata fuq Bahrija Road li tidher fuq il-pjanta imsemmija u li giet indikata bl-ittra A1 u hija kkulurita bl-ahmar, kif ukoll porzjoni mill-art imsejha 'Tax-Xatba' fil-kontrada 'Tal-Bahrija'

limiti tar-Rabat, Malta ta' kejl ta' cirka hamsa punt sebgha u hamsin kejliet (5.57 k) indikata bl-ittra A numru tnejn (A2). Il-pjanta li ssir referenza ghaliha fil-kuntratt hija s-segwenti:




6. Testment addizzjonali ta' Paolo u Rosa konjugi Ciantar datat 3 ta' Dicembru, 1972 fl-atti tan-Nutar Sammy (Salvatore) Abela (a fol. 51 et seq tal-process) fejn permezz tieghu ddikjaraw is-segwenti:

> 'Illi l-istess raba jidher mill-pjanta hawn annessa markata bil-ittra 'X' fejn dawk li se jithalew legat indikati rispettivament ittra C, numru wiehed u tnejn (C1-C2) u kulur ahdar, ittra D numru wiehed u tnejn (D1-D2) kuluriti isfar, u wahda kulurita viola indikati bil-ittra 'E' u li f'kull wahda hemm il-kejl relativ waqt li r-razzett indikat bhala razzett u kulurit orango waqt li c-cens fil-ewwel bicca art jinqasam indaqs ghal dik li jifdal --- parti fuq ir-razzett kif ahjar hawn taht deskritt kif ukoll jinqasmu --- gia msemmija. ...
>
> ...it-testaturi ihallu b'titolu ta' legat u esegwibbli wara il-mewt tat-testaturi t-tnejn, cioe wara il mewt tas-superstiti (a) lil Mose Ciantar, binhom dak indikat fil-imsemmija pjanta bil-ittra C numru rispettivament wiehed u tnejn (C1 u C2) li

l-ewwel wahda tkun suggettta ghal rata taghha ta cens temporanju ta ...liberament jiftah ghaliha skond it-triq kif indikata mil imsemmija pjanta, u liema triq tkun komuni ma genb ta Carmelo Ciantar u mal-razzett.

(b) **lil Lorenzo Ciantar binhom dak indikat bl-imsemmija pjanta bil-ittra D numru wiehed u tnejn, cioe mil-art imsejha 'Ix-Xatba'...**' (enfazi tal-Qorti).

Illi anness ma' dan it-testment giet annessa pjanta li hija pjanta simili li giet annessa mal-kuntratt ta' permuta u bejgh datat 3 ta' Dicembru, 1972 fl-atti tan-Nutar Dottor Sammy (Salvatore) Abela (a fol. 5 et seq tal-process) kif isegwi:




Illi l-intimati ahwa Zahra pprezentati s-segwenti kuntratti:

1. Kuntratt ta' divizjoni datat 8 ta' Lulju, 1962 fl-atti tan-Nutar Joseph Felix Abela (a fol. 110 et seq tal-process) fejn dehru Tommaso, Martino, Grazia mart Carmelo Agius u Maria mart Giuseppe Zahra ahwa Portelli ulied Tommaso Portelli u Carmelo

Micallef. Illi Maria mart Giuseppe Zahra hija omm l-intimati ahwa Zahra u din messitha r-raba' porzjon fejn f'din il-porzjoni kien hemm erba' porzjonijiet divizi raba' 'Tax-Xatba' u l-art mertu tal-kawza odjerna giet deskritta kif isegwi:

'(d)porzjoni diviza ohra tal-kejl ta' siegh u tikkonfina mil-grigal ma sqaq komuni bil-karettun, minn nofsinhar sal-lbic ma raba ta' Paolo Ciantar u mil-lvant mat-trieq tal-Marga.'.

Illi fl-assenjazzjoni l-porzjoni li messet lil Maria mart Giuseppe Zahra giet deskritta bil-mod kif isegwi:

'...lill-Maria mart Giuseppi Zahra missita ir-Raba Porzjoni konsistenti f'erbgha porzjonijiet kuluriti ahmar u immarkati bin-numru erbgha fuq il-pjanta annessa.'.

Il-Qorti rat li mal-kuntratt giet annessa pjanta li fuqha hemm immarkata l-art li messet lil Maria Zahra:



2. Dikjarazzjoni *causa mortis* datata 1 ta' Ottubru, 2008 fl-atti tan-Nutar Mark Zammit (a fol. 127 et seq tal-process) fejn l-ahwa

Zahra ippremettew fost affarijiet ohra illi missierhom Giuseppe Zahra gie nieqes fit-22 ta' April, 2008 u li l-art in kwistjoni giet deskritta bil-mod kif isegwi:

> '4. Nofs (1/2) indiviz ta' l-ghalqa maghrufa "Tax-Xatba", fil-Bahrija, limiti ta' Rabat, Malta tal-kejl ta' *circa* mija u tnejn u erbghin metru kwadru (142m.k.) b'faccata ta' hames metri u nofs (5.5m) u fonda madwar hamsa w ghoxrin metru (25m), konfinanti l-imsemmija ghalqa mit-Tramuntana ma' beni ta' Karmnu Agius, minn Nofsinhar ma' beni ta' Martin Portelli u mil-Lvant ma' passagg privat u liema ghalqa hija dik li tidher fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala dokument ittra "I", bil-valur din l-ghalqa ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500).'.

Ma gietx ipprezentata kopja tal-pjanta li ghaliha ssir referenza fid-dikjarazzjoni *causa mortis*.

3. Dikjarazzjoni *causa mortis* datata 20 ta' Gunju, 2012 fl-atti tan-Nutar Francesca Borg (a fol. 133 et seq tal-process) fejn l-ahwa Zahra ippremettew fost affarijiet ohra illi ommhom Maria Zahra giet nieqsa fit-8 ta' Marzu, 2012 u li l-art in kwistjoni giet deskritta bil-mod kif isegwi:

> '4. Nofs (1/2) indiviz ta' l-ghalqa maghrufa "Tax-Xatba", fil-Bahrija, limiti ta' Rabat, Malta tal-kejl ta' *circa* mija u tnejn u erbghin metru kwadru (142m.k.) b'faccata ta' hames metri u nofs (5.5m) u fonda madwar hamsa w ghoxrin metru (25m), konfinanti l-imsemmija ghalqa mit-Tramuntana ma' beni ta' Karmnu Agius, minn Nofsinhar ma' beni ta' Martin Portelli u mil-Lvant ma' passagg privat u liema ghalqa hija dik li tidher fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt precitat fl-atti tan-

Nutar Dottor Mark Zammit mmarkata bhala dokument ittra "I", bil-valur din l-ghalqa ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500).'.

Illi fl-atti gew ukoll ipprezentati diversi kuntratti li juru l-gherq tat-titolu tal-art maghrufa bhala 'Tax-Xatba' u li pperveniet ghand is-socjeta' Vinco Limited kif isegwi:

1. Kuntratt ta' xiri datat 7 ta' Ottubru, 1993 fl-atti tan-Nutar Sandra Farrugia (a fol. 279 et seq tal-process) bejn min-naha l-wahda Teresa mart Gio Batta Vella, Noel, Giuseppa mart Giuseppe Sammut, Paolina lkoll ahwa Buhagiar ulied il-mejtin Salvatore u Grazia nee' Micallef bhala vendituri u min-naha l-ohra Carmela mart Martin Giordmaina bint il-mejtin Salvatore Buhagiar u Grace nee' Micallef bhala l-kompratrici fejn tal-ahhar xtrat u akwistat '...l-bicca art imsejha Tax-Xatba fil-kontrada tal-Makak fil-Bahrija fil-limiti tar-Rabat Malta li tmiss mill-grigal ma' passagg pubbliku bla isem, mix-xlokk ma' gid ta' Paolo Ciantar u Rosi Ciantar jew aventi kawza taghhom u mill-majjistrall ma' beni ta' Tommaso Portelli jew aventi kawza tieghu, tal-kejl ta' cirka disgha mija u sitta u sittin punt sebgha disgha (966.79) metri kwadri libera u franka, u bid-drittijiet u giustijiet taghha kollha, u dana skond pjanta hawn annessa u markata Dokument "X".'. Ma dan il-kuntratt giet esebita pjanta li qieghda tigi riprodotta.




2. Kuntratt ta' bejgh datat 11 ta' Lulju, 1996 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon (a fol. 285 et seq tal-process) bejn min-naha l-wahda Martin Giordmaina u martu Carmen Giordmaina bhala vendituri u min-naha l-ohra Vincent Vella a nom tas-socjeta' Vinco Company Limited bhala kompratur noe li permezz tieghu xtrat u akwistat:

> '...il-bicca art imsejha tax-Xatba fil-kontrada, tal-Makal sive ta' Gnien il-Marga fil-Bahrija fil-limiti tar-Rabat Malta, li tmiss mill-grigal ma' passagg pubbliku bla isem, mix-xlokk ma gid ta' Paolo Ciantar u Rosi Ciantar jew aventi kawza taghhom u mill-majjistral ma' beni ta' Tommaso Portelli jew l-aventi kawza tieghu u lbic ma' sqaq bla isem, tal-kejl ta' cirka disgha mija u sitta u sittin punt sebgha disgha metri kwadri (966.79m.k.), l-art fiha spiera li hi soggetta ghad-dritt tal-usu favur il-proprietarju tal-art li tinsab fuq in-naha ta' nofsinhar ta' l-art, l-art hija soggetta ukoll ghad-dritt ta' passagg favur l-istess proprietarju tal-art fuq in-naha ta' nofsinhar biex dan ikun jista' jasal sal-istess spiera.'.

Illi l-pjanta uzata ma dan il-kuntratt hija simili ghal dik uzata mal-kuntratt precedenti.

11. Kuntratt ta' bejgh datat 6 ta' Mejju, 2021 fl-atti tan-Nutar Robert Micallef (a fol. 549 et seq tal-process) fejn permezz tieghu Lawrence Ciantar – ir-rikorrenti biegh u ttrasferixxa lis-socjeta' Vinco Limited (C14479) il-proprjeta' ossia:

> '**Il-porzjoni diviza ta' art ossia raba b'kamra fiha u kwalunkwe kostruzzjoni ohra, formanti parti mill-art imsejha bhala 'tax-Xatba', fil-kontrada tal-Bahrija, fil-limiti tar-Rabat, Malta tal-kejl ta' cirka seba' mija u hamsa u sittin punt seba' hamsa metri kwadri (765.75m2) jew kawlunkwe qies tal-art in vendita' illi tappartjeni lil-Venditur u tmiss mit-Tramuntana ma' Triq tal-Marga, mill-Majjistral u in parti mill-Punent ma' beni tal-Kumpratur minn Nofsinhar ma' trejqa li tizbokka fi Triq il-Gnien tan-Nigra mill-Lvant in parti ma' beni ta' Joseph Zahra jew l-aventi causa tieghu u in parti mal-passagg komuni li jaghti fuq Triq il-Gnien tan-Nigra (illi referenza ghalih ser issir aktar 'l isfel fuq dana l-att) u liema porzjoni diviza ta' art tidher ahjar bil-lewn ahmar fuq is-site-plan hawn unit u markat dokument ittra 'B' filwaqt illi l-passagg kumuni illi referenza ghalih saret aktar 'l fuq f'dana l-att jidher bil-lewn isfar fuq l-istess site-plan hawn unit u markat dokument ittra 'B''**.

Illi l-Qorti tinnota li ma dan il-kuntratt ma gietx esebita kopja tal-pjanta li permezz taghha seta' jigi kkonstatat bi precizazzjoni x'gie akwistat is-socjeta' rikorrenti Vinco Limited (C14479).

Illi kif gia suesposti, fil-mori tal-kawza, billi rrizulta li l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet wahda teknika, fuq talba tal-partijiet gie nominat il-Perit Godwin P. Abela sabiex jiehu konjizzjoni tal-kawza, ikompli jisma l-provi, u jirrelata fir-rigward il-konfini tal-

proprjetajiet. Il-Perit Tekniku Abela pprezenta r-rapport tieghu fis-16 ta' Novembru, 2017 u jinsab fl-atti a fol. 94 et seq tal-process fejn ikkonkluda kif isegwi:

**'9. KONKLUZJONIJIET**

L-esponent jissottometti bir-rispett is-segwenti:

**9.01** Illi, rigward l-ewwel talba attrici, kif jirrizulta mill-provi u mis-survey, il-linja ta'demarkazzjoni bejn l-art tar-rikorrenti u dik tal-intimati giet individwata u murija fuq il-pjanta pprezentati mill-esponenti.

**9.02** Illi, rigward it-tieni talba attrici, in segwitu ghas-suespost, il-linja divizorja bejn l-art tar-rikorrenti u dik tal-intimati tista tigi ffissata b'marki appoziti fuq il-post pero f'dan il-kaz, fin-nuqqas ta' elementi fizici bhal hitan jew elementi ohra, tista tigi ffissata permezz ta' punti geografici jew coordinates.

**9.03** Illi, rigward it-tielet talba attrici, kif irrizulta mis-survey u l-ezercizzu maghmul mill-esponent, li kien hemm invazjoni parzjali ta' 5.5 metri kwadri, mill-intimati fuq l-art tar-rikorrenti.'.

Ill-Qorti rat li s-socjeta' Vinco Limited (C14479) (formalment kjamata fil-kawza u konsegwentement rikorrenti) ikkontestat bis-shih ir-rapport tal-Perit Tekniku Abela u sahqet li l-konkluzjonijiet li din il-Qorti ghandha taghmel, ghandhom ikunu bbazati fuq ir-rapport *ex-parte* tal-Perit Daryl Cutajar (a fol. 239 et seq tal-process). Il-Qorti rat li l-Perit Tekniku Abela, in segwitu ghal prezentata tar-rapport *ex-parte* tal-Perit Daryl Cutajar, gie nominat mill-gdid sabiex jaghmel rapport addizzjonali tenut kont ta' dak muri fir-rapport *ex-parte* imsemmi, kif ukoll il-kejlijiet imnizzlin

fil-kuntratti esebiti mill-kjamat fil-kawza. Ir-rapport addizzjonali gie pprezentat fl-atti nhar it-18 ta' Mejju, 2020 u mahluf nhar id-29 ta' Settembru, 2020 (a fol. 375 et seq tal-process) fejn il-Perit bazikament ikkonkluda li in vista tal-punti kollha citati minnu w il-konsiderazzjonijiet ulterjuri maghmulin minnu m'ghandu xejn x'izid jew inaqqas mal-ewwel relazzjoni redatta minnu w debitament mahlufa. Insegwitu ghar-rapport addizzjonali, s-socjeta' rikorrenti resqet diversi domandi in eskussjoni (a fol. 509 et seq u fol. 528 et seq tal-process) u fejn in konsegwenza l-Perit ghamel nota spjegattiva (a fol. 522 et seq tal-process) kif isegwi:

'5. L-ezercizzju li ghamel il-Perit Daryl Cutajar, fuq is-survey maghmula mill-esponenti u li giet moghdija lilu, ma jirrispekkjax il-qasma tal-art ta' Roza Ciantar u dan jidher car mill-konfini bil-kulur ahmar muri fuq is-survey, liema survey qed tigi annessa ma'din in-nota.

6. Apparti mis-suespost, l-istess Perit Cutajar, ikkalkola l-areas fil-konfini li stabbilixxa hu stess u dawn huma indikati fil-kaxxi fuq in-naha tal-lemin tas-survey. Il-Perit Cutajar wasal ghall-konkluzjoni li l-art ta'Roza Ciantar kellha kejl superficjali ta' 987.04 metri kwadri, skond hu 12.4 metri kwadri differenza minn dak stipulat fil-kuntratti.

7. L-esponenti ma jaqbilx ma dan il-kalkolu, ghas-semplici raguni li l-art ta' Roza Ciantar giet indikata b'kejl ta' 974.13 metri kwadri fil-kuntratt datat 24 ta'Lulju 1958 fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela. F'zewg dokumenti sussegwenti, u cioe' f'dawk tat-3 ta'Dicembru 1972, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela, wiehed kuntratt ta'divizjoni tal-art ta' Roza Ciantar u l-iehor testament ta' Paolo u Roza Ciantar kien ta' 927 metri kwadri kif

imkejjel fis-survey. Din il-konkluzjoni tikkonferma sija d-divizjoni tal-art ta'Roza Ciantar sija dak dikjarat fit-testment, apparti l-fatt importanti li l-konfigurazzjoni tal-art taqbel mal-pjanta annessa mad-divizjoni tal-istess art.

8. L-esponenti qed jannetti DOK E ma din in-nota spjegattiva li tikkonsisti f'sovvraposizzjoni tal-konfini kif maghmulin mill-Perit Cutajar fuq il-konfini tal-esponenti bl-isfond tal-pjan ta' divizjoni. Kid jidher mill-pjanta, il-konfini tal-Vant tal-art ta'Roza Ciantar, kif maghmulin mill-Perit Cutajar u mirjia bl-arancjo, ma jaqblu xejn mal-pjan ta' divizjoni tal-art waqt li l-konfini maghmul mill-esponent, muri bil-kulur magenta, jaqbel kwazi perfettament mal-pjan ta'divizjoni.

9. In konkluzjoni, l-esponent itenni li l-art ta'Roza Ciantar kellha kejl superficjali ta' 927 metri kwadri waqt li l-art tal-kjamati fil-kawza, skond kif ikkalkolat mill-konfini bl-arancjo u l-parti bejn l-art ta'Roza Ciantar u dik ta' Joe Zahra, hu ta' 119.50 metri kwadri bejn il-konfini bil-magenta u l-arancjo, u ta' 189.80 metri kwadri bejn il-konfini bl-arancjo.'.

Illi l-Perit Tekniku Abela man-nota spjegattiva pprezenta l-pjanta segwenti:




Illi kif inghad precedentement, is-socjeta' rikorrenti m'hijiex taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku Abela u tinsisti li r-rapport *ex-parte* pprezentat minnha tal-Perit Daryl Cutajar jirriporta l-konfini gusti. Issostni li jidher car li l-Perit Cutajar sabiex wasal ghal kejl ta' kull porzjoni art ibbaza dan fuq atti pubblici. Il-Qorti rat li fir-rapport tieghu l-Perit Daryl Cutajar a fol. 385 et seq tal-process jindika li l-qisien li jirrizultaw mill-kuntratti huma s-segwenti:

(i) art ta' Grazia Buhagiar llum tas-socjeta' rikorrenti Vinco Limited tal-kejl ta' 966.79m.k.

(ii) art ta' Roza Ciantar llum parti minnha tas-socjeta' rikorrenti tal-kejl ta' 974.24m.k.

(iii) art ta' Maria Zahra llum tal-ahwa Zahra tal-kejl ta' 187.35m.k.

Fl-istess rapport il-Perit Cutajar jkompli jghid illi meta ha l-qisien tal-artijiet kif indikat huwa sab li l-kejl tal-art effettivament huwa dak ta' 2156.36m.k. cioe' 27.98m.k. izjed minn dak indikat fil-

kuntratti u ghalhekk ippropona li din id-differenza fil-kejl tinqasam bejn it-tlett porzjonijiet.

Illi d-difensur tas-socjeta' rikorrenti fl-eskussjoni li saret lil Perit Godwin P. Abela fis-seduta tal-20 ta' April, 2021 (a fol. 509 et seq tal-process) u f'dik tas-6 ta' Lulju, 2021 (a fol. 528 et seq tal-process) jenfasizza hafna fid-domandi tieghu fuq id-differenzi li skontu hemm fid-daqs tal-porzjonijiet u x'kienet ir-raguni li l-Perit Abela ghazel kejl indikat f'kuntratt u mhux kejl indikat f'kuntratt iehor.

Illi l-Qorti tinnota u tirrileva li effettivament minn qari tal-kuntratti kollha esebiti fl-atti, f'kollha hemm xi ftit jew wisq diskrepanza fil-kejliet li jvarjaw minn kuntratt ghal iehor. In fatti jekk wiehed ihares lejn il-kuntratt ta' donazzjoni datat 8 ta' Dicembru, 1951 fl-atti tan-Nutar Joseph Felix Abela (a fol. 143 et seq tal-process) fejn Grazia Buhagiar akwistat nofs indiviz tal-art maghrufa bhala 'Tax-Xatba' jirrizulta li l-kejl hemm indikat huwa dak ta' erba' sighan u hames kejliet (4S 5K) li huwa ekwivalenti ghal kejl ta' tmien mija tlieta u erbghin punt tlieta metri kwadri (843.3m.k.). Dan il-kejl huwa kkonfermat fil-kuntratt sussegwenti ta' divizjoni u permuta datat 24 ta' Lulju, 1958 fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela (a fol. 11 et seq tal-process) fejn Rosa Ciantar ghaddiet sehmha mill-istess art tal-kejl ta' erba' sighan u hames kejliet (4S 5K) ekwivalenti ghal kejl ta' tmien mija tlieta u erbghin punt tlieta metri kwadri (843.3m.k.) lill-ohta Grazia Buhagiar biex b'hekk giet proprjetarja tal-art fl-intier taghha. Din l-istess art ta' Grazia Buhagiar kienet ghaddiet minghand ulied l-istess Grazia Buhagiar bhala vendituri a favur ohthom ohra Carmela mart Martin Giordmaina bhala kompratrici permezz ta' kuntratt tas-7 ta' Ottubru, 1993 (a fol. 279 et seq tal-process). F'dan il-kuntratt il-kejl tal-art gie ndikat bhala dak ta' disgha mija sitta u sittin punt sebgha disgha metri kwadri (966.79m.k.) Sussegwentement

Carmela Giordmaina kienet ghaddiet b'titolu ta' bejgh din l-art lil Vincent Vella a nom tas-socjeta' rikorrenti Vinco Limited b'kuntratt tal-11 ta' Lulju, 1996 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon (a fol. 285 et seq tal-process). Il-kejl indikat f'dan il-kuntratt kien ukoll dak ta' disgha mija sitta u sittin punt sebgha disgha metri kwadri (966.79m.k.). Il-Qorti temmen li f'kazijiet simili apparti kunsiderazzjoni tal-kejliet li jirrizultaw mill-kuntratti, ghandhom ukoll jittiehdu kunsiderazzjonijiet ohra fosthom pjanti esebiti mal-kuntratti, x'jirrizulta minn fuq il-post u anke xhieda li jitressqu fil-mori tal-kawza li minnhom il-Qorti tista' testrapola kif kienu effettivament il-konfini.

Illi l-Qorti tinnota li l-metodu adoperat mill-Perit Cutajar fir-rapport tieghu kien li wara li stabbilixxa d-daqs mill-kuntratti, u anke wara li hareg l-area fejn irrizulta li hemm differenza ta' 27.98m.k. mill-kuntratti, ghadda sabiex stabbilixxa l-konfini kif ried hu minghajr lanqas biss ha kont tal-pjanti esebiti mal-kuntratti u ta' kif effettivament il-kejliet setghu jidhlu fil-konfini li b'xi mod jistghu jirrizultaw mill-post.

Illi minn naha l-ohra l-Qorti rat ukoll bir-reqqa z-zewg rapporti tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela, inkluz in-nota spjegattiva tal-istess Perit Tekniku Abela u tqis li l-metodu li bih stabbilixxa l-konfini l-Perit Tekniku Abela huwa wiehed gust u ekwu billi stabbilixxa l-konfini vicin dak li hemm fuq il-post u li jirrizulta mill-kuntratti u l-pjanti li gew annessi tul is-snin mal-kuntratti. In oltre rabat ma' hajt tas-sejjieh ezistenti fuq il-post.

Il-Qorti rat ukoll il-provi u xhieda segwenti li wkoll isahhu r-rapport tal-Perit Tekniku nominat:

(i) fil-mori tal-kawza xehed Lawrence Ciantar – l-awtur tas-socjeta' rikorrenti u li effettivament kien il-persuna li fethet il-kawza odjerna (permezz tal-prokura moghtija lil huh) fejn xehed permezz ta' affidavit a fol. 566 et seq tal-process. Huwa kkonferma bla tlaqliq li kien jiffrekwenta l-akwati meta kien izghar u meta telaq minn Malta fis-sena 1962 l-garaxx li jifforma parti mill-mertu tal-kawza kien gja pjantat u li dan kien gie ppjantat fil-parti divizjorja bejn il-proprjeta' tieghu u l-proprjeta' tal-familja Zahra:

> 'I confirm that prior to my departure from Malta I used to frequent the area in the limits of Bahrija Rabat on a number of occasions due to owning my own property in the area namely the property;
>
> ...
>
> I can confirm that on the date upon which I had left the island on November of 1962, the intended garage belonging to the Zahras was already planned with its own foundations in place; which foundations form part of, and alongside the property division line between my property and theirs. I also confirm that there were no litigation matters or ongoing civil dispute in relation to the root of title, boundary confines or buildings legality.
>
> To the best of my knowledge the adjacent property included a garage that was used for agricultural purposes and the garage consisted of one large open space with no internal sub-divisioning.

I can confirm that such garage was owned and in the possession of Joseph k/a Guzeppi Zahra prior to and upon my departure from Malta in 1962.'.

2. Rat ukoll illi l-awtur tas-socjeta' rikorrenti, kif rapprezentat, meta nfethet huwa bbaza l-kawza tieghu fuq il-premessa li l-intimati kellhom il-pussess ta' porzjon ta' art ferm izghar cioe' fil-kejl ta' cirka tnejn u ghoxrin punt tmienja erbgha wiehed metri kwadri (22.841m.k.) b'referena ghas-survey redatt minn CM Surveying Limited (a fol. 4) anness mar-rikors promotur u li referenza ghalih issir fil-premessi u mhux parti ferma akbar kif sussegwentement allegat fix-xhieda ta' Carmel Ciantar li sahansitra jallega li l-garaxx kollu jinsab fl-art tar-rikorrenti. Il-Qorti tinnota li beda jigi allegat li l-intimati jokkupaw bicca art ferm ikbar minn dak premess meta dahlet bhala kjamata fil-kawza u konsegwentement rikorrenti s-socjeta' Vinco Limited.

Ili in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti tiddikjara li taqbel bi shih mal-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela. Il-Qorti tirrileva wkoll izda li minn din ir-relazzjoni l-invazjoni rizultanti hija verament wahda minima u ghalhekk taqa' zgur fil-limiti tal-kelma 'cirka' li tinsab fil-kuntratti u d-derivazzjonijiet tal-partijiet kollha. Il-Qorti rat ukoll li din l-invazjoni minima llum tinsab inkorporata fil-binja tal-garaxx tal-intimati liema binja giet rikonoxxuta mill-aventi causa tar-rikorrenti cioe' minn Lawrence Ciantar. Il-Qorti ghalhekk ghalkemm ser tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna li l-Perit Tekniku jimmarkal-konfini fuq is-sit, fic-cirkustanzi tqis li f'dik il-parti fejn llum jezisti l-garaxx, il-konfini ghandhom jibqghu delinjati kif ezistenti mill-hajt tal-istess garaxx, filwaqt li mill-hajt tal-garaxx il-barra l-Perit ghandu jimmarka l-konfini kif redatt fir-relazzjoni tieghu a fol. 94 et seq tal-process.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akwisittiva stante li mhux applikabbli ghall-kaz odjern;

2. Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati safejn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' l-ewwel talba u tiffissa l-linja divizorja skont kif stabbilit mill-Perit Tekniku Godwin P. Abela fir-rapport tieghu ntavolat fis-16 ta' Novembru, 2016 a fol. 94 et seq tal-process b'eccezzjoni biss ghal dik il-parti fejn hemm il-garaxx ezistenti fejn f'din il-parti l-linja divizorja ghandha tibqa' demarkata permezz tal-hajt tal-garaxx ezistenti in vista tad-daqs verament minimu tal-invazjoni, kif ahjar gia suespost minn din il-Qorti;

4. Tilqa' t-tieni talba u terga' tahtar lill-Perit Tekniku Godwin P. Abela sabiex fi zmien massimu ta' xahar jaccedi fuq il-post u jiddelinja l-proprjeta' tar-rikorrenti minn dik tal-intimati, oltre l-hajt tal-garaxx gia mibni, permezz ta' sinjali appositi in linea mal-konkluzjonijiet fir-rapport tieghu a fol. 94 et seq tal-process. L-ispejjez tal-Perit Tekniku jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet;

5. Tilqa' limitatament it-tielet talba ghall-izgumbrament tal-intimati fi zmien massimu ta' xahrejn mid-data ta' din id-decizjoni minn dik il-parti li tirrizulta barra l-hitan tal-

garaxx tal-intimati u li l-Perit ser jindika fuq il-post, kif ordnat, bhala formanti parti mill-proprjeta' tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza, ghandhom ikunu nofshom a karigu tar-rikorrenti u nofshom a karigu tal-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Marzu, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Marzu, 2024**